TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Ġunju, 2023**

**Talba Nru: CCT21/23/DS**

**Louise Muscat**

**Vs**

**MIRYA Ltd.**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-13 ta' Frar, 2023 fejn talbet l-ammont ta' mitejn u għoxrin Ewro (€220) għal mera mhux maħduma skont is-sengħa;

Ra illi l-intimat debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma ntavolax risposta pero' ra ukoll illi l-attriċi ma kellha l-ebda oġġezzjoni illi l-konvenut jippreżenta l-provi tiegħu u t-Tribunal ikkonċeda dan;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti u tal-intimat bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi l-attriċi ordnat mera permezz ta' *email* fejn hi tat il-qisien u l-ispeċifikazzjonijiet lis-soċjeta' intimata, inkluż il-fatt illi hija riedet mera bid-dawl mal-*frame* tagħha. Din l-ordni saret fil-21 ta' Settembru, 2022. Meta fetħet il-pakkett li kienet fih din il-mera u dendiltha mal-ħajt setgħet tara illi kien hemm spazju bejnet id-dawl kif maħdum b'dana illi dan ma kienx magħmul b'mod omoġenju u dan kien viżibbli

speċjalment meta tħares mill-ġenb li kien il-mod illi wieħed kien ser jara din il-mera meta jidħol fil-kamra *stante* l-pużizzjoni tagħha. Hija kienet kellmet lir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata, s-Sur Battistino, u spjegatlu illi kellha numru ta' mirja simili fejn dan l-ispazju ma kienx jeżisti pero' huwa insista magħha illi din kienet xi ħaġa normali ta' mirja ta' dan it-tip.

L-attriċi qalet illi s-Sur Battistino talabha ritratti tal-mirja l-oħra u meta hija bagħtitlu dawn ir-ritratti huwa ma weġibhiex lura u ma kienx hemm aktar komunikazzjoni bejniethom w'għaldaqstant fetħet dawn il-proċeduri li permezz tagħhom qiegħda titlob illi tiġi riżarċita l-ammont ta' mitejn u għoxrin Ewro (€220) li hija ħallset u li tagħhom preżentat irċevuta f'forma ta' Works Order illi fuqha kien hemm miktub illi sar il-ħlas u ġiet iffirmata. Din l-irċevuta u l-ħlas fl-ebda ħin ma kienu kkontestati.

Is-Sur Battistino qal illi huwa minnu illi meta l-attriċi bagħtitlu r-ritratti tal-mirja l-oħra huwa qata' qalbu u ma baqgħax jibgħatilha pero' żied jgħid illi l-mera hija perfetta u għaldaqstant ma jħossx illi għandu jagħtiha flus lura.

It-Tribunal wara li semgħa lill-partijiet, ra l-provi miġjuba minnhom, u semgħa t-trattazzjonijiet tagħhom huwa tal-fehma illi l-imsemmija mera għandha dan l-ispazju evidenti mill-ġenb tagħha li ċertament ma jidhirx sabieħ fil-għajn meta wieħed iħares lejn il-mera mill-ġenb hekk kif jidħol mill-bieb. Tali spazju setgħa ġie evitat f'dik il-pużizzjoni u magħmul, jekk xejn, fuq in-naħa ta' fuq tal-mera fejn tħares minn fejn tħares wieħed ma jaraħx. L-attriċi preżentat evidenza illi turi illi mirja oħra tal-istess għamla m'għandhomx dan l-ispazju w'għaldaqstant l-insistenza mill-intimat illi huwa normali li mera ta' din ix-xorta jkollha l-imsemmi spazju tisfaxxa fix-xejn.

It-Tribunal jinsab konvint illi li kieku din il-mera saret bi ftit aktar ħsieb dan l-ispazju setgħa faċilment jiġi evitat w'għaldaqstant taqbel mat-teżi attriċi illi din il-mera, b'kull dovut rispett, ma saritx skont is-sengħa u l-arti w'għaldaqstant huwa ekwivalenti għal nuqqas ta' konformita' ma dak illi l-attriċi stenniet illi tirċievi.

It-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' intimat hekk kif rappreżentata mhux talli ma offrietx soluzzjoni waħda lill-attriċi, iżda talli waqqfet kull komunikazzjoni magħha meta hija onorat ix-xewqa tas-Sur Battistino u bagħtitlu r-ritratti ta' mirja oħra. Dan ma jawgurax tajjeb għall-kredibbilta' tat-teżi tas-Sur Battistino illi malli kien rinfaċċjat bil-provi qata' kull komunikazzjoni u lanqas biss irrisponda lill-attriċi.

It-Tribunal jinnota illi l-attriċi nnotifikat lill-bejjiegħ intimat matul il-perjodu ta' xahrejn previst mill-liġi f'Artikolu 79 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur - Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta bin-nuqqas ta' konformita tal-mera mertu ta' din il-kawża w'għaldaqstant tibbenefika mir-rimedji disponbbli fil-liġi.

Illi fil-każ odjern dan it-Tribunal ma jħossx illi t-tiswija jew is-sostituzzjoni tal-oġġett huwa rimedju adegwat *stante* illi skont l-intimat il-mera hija perfetta. Għal din ir-raġuni jekk wieħed jimxi mat-teżi tiegħu, m'hemm xejn x'tirranga fiha u jekk tiġi sostitwita mhux ser tkun differenti milli hi! It-Tribunal iħoss għaldaqstant illi f'dan il-każ ir-rimedju għandu jkun it-terminazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ u xiri li hemm bejnet il-partijiet. F'każ ta' din it-terminazzjoni il-liġi titlob illi l-konsumatur għandu jirritorna l-oġġett lill-bejjiegħ a spejjez tal-bejjiegħ u l-bejjiegħ għandu jrodd lura l-prezz imħallas meta' jirċievi l-oġġett.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provat il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tirrifondi s-somma ta' mitejn u għoxrin Ewro (€220) lill-attriċi illi għandha tirritorna l-mera lill-soċjeta' intimata a spejjeż tal-istess soċjeta' intimata. A fini ta' spedetezza dan it-Tribunal jordna illi s-soċjeta' intimata għandha tibgħat lil rappreżentant tagħha jiġbor l-imsemmija mera mingħand l-attriċi fi żmien gimgħa minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat wara illi tkun ftehmet ħin konvenjenti għall-attriċi sabiex isir dan.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**